## Minuti

**Seduta Nru. 3/2014**

Data: L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2014

Ħin: 5:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti:
Matthew Mangion – *Chairperson*
Deborah Galea – *Viċi Chairperson*
Emanuel Galea – *Membru*
Owen Patrick Attard - *Membru*
Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużat: Jimmy Zahra - *Membru*

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. 'Leaflet' rigward il-Kumitat il-Ġdid tas-Swatar;
6. Proposta ta' Belvedere fi Triq Indri Grima;
7. Laqgħat importanti li għandhom bżonn isiru;
8. Affarijiet oħra jekk urġenti;
9. Għeluq u Aġġornament.

MINUTI:

### 1. Talba

052 Il-laqgħa bidet b'talba.

053 Is-Segretarju tat ċekk lil Deborah Galea tal-flus li ntefqu għar-regal li nxtara lill-Kappillan tas-Swatar f'għeluq 40 sena li sar qassis.

**2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

054 Il-Minuti ġew approvati.

**3. Punti Mqajma mill-Minuti**

055 Is-Segretarju tfakkret biex titlob lil Arthur Pizzuto informazzjoni dwar korrespondenza li qal li rċieva dwar sit tas-Sisla fl-aħħar laqgħa.

056 Materja 027 - Is-Segretarju informat lill-Kumitat li tkellmet ma' l-NSO dwar informazzjoni li talbu l-membri tal-Kumitat fuq il-popolazzjoni tas-Swatar. L-NSO jixtiequ dettalji speċifiċi fuq l-informazzjoni li jixtiequ l-Kumitat. Il-Kumitat qabel li għandhom jingħataw informazzjoni dwar:

- In-numru ta' Households fis-Swatar (jingħataw l-ismijiet tat-Toroq)
- Il-popolazzjoni fis-Swatar
- L-etajiet li fiha tinqasam din il-popolazzjoni (eż tfal, żgħażagħ, adulti żgħar, adulti kbar, anzjani)
- In-numru ta' 'temporary residents' li hemm fis-Swatar (barranin, jew għawdxin li jgħixu fis-Swatar).

057 Materja 015 - Il-Kumitat tkellem fuq ir-risposta li ingħataw bl-imejl dwar il-proċedura li tinfetaħ spiżerija ġdida fis-Swatar (imejl anessa). Il-Kumitat sap ruħu kkonfondut b'din l-informazzjoni u s-Swatar jidher li dejjem qed jiġi kkalkulat differenti minħabba li mhux Kunsill. Sar qbil li ssir laqgħa mal-Medicine Authority u anke sar qbil li l-Kumitat ikompli jitlob biex issir laqgħa mas-Seg Parl Stefan Buontempo mill-aktar fis.

058 Materja 040 - Is-Sur Mangion qal li hu ser ikompli jikkorespondi mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' B'Kara biex il-Kumitat jingħata rendikont finanzjarju għal din is-sena.

059 Il-Kumitat qabel li ssir Laqgħa tal-Lokalita' f' Ottubru pero' qabel li d-data tiġi deċiża aktar tard. Qal li din tista ssir jew fl-Iskola tas-St Martin's jew inmella fis-Sala tal-Parroċċa.

060 Il-Kumitat wera d-diżżappunt tiegħu fuq diversi materji li, għalkemm qed jiġu raportati lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara mhux qed issir azzjoni. Sar qbil li l-Kumitat ser jagħmel aktar pressjoni fuq il-Kunsill u li ser jikkomunikaw tajjeb bejniethom biex kull membru tal-kumitat ikun informat fuq li qed jiġri. Sar qbil ukoll li l-Kumitat għandu jikteb lis-sezzjoni tal-Monitoring tad-Dipartiment tad-DLG fejn jinforma lid-Dipartiment li l-Kumitat qed iħoss li m'għandux Sapporo mill-Kunsill Lokali ta' B'Kara u li mhux qed jingħata feedback fuq il-finanzi.

061 Materja 049 – Is-Segretarju informat lill-membri tal-Kumitat li Kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' L-Imsida ressaq suġġeriment li triq bla isem fis-Swatar tissemma għal San Gorg Preca. Il-Kumitat approva dan biex titressaq fil-Kunsill għall-approvazzjoni fil-laqgħa tad-29 ta' Awwissu.

062 Il-Kumitat iddiskuta l-possibilita' ta' sapport mill-kumpaniji li jinsabu fis-Swatar. Is-Segretarju semmiet li l-Kumitat preċedenti kien isemmi xi flus dovuti mill-HSBC wara attivita' li kienu għamlu u li dawn il-flus iridu jużawhom biex isebbħu l-lokalita. Is-Sur Mangion qal li hu ser jipprova jorganizza laqgħa ma' xi persuni fl-HSBC.

063 Il-Membri tal-Kumitat ukoll semmew il-possibilita' ta' EU Funds u s-Segretarju qaltilhom li tistieden rappreżentant tal-Kumitat meta l-Kunsill ta' L-Imsida jkollhom laqgħa fuq din il-materja.

064 Is-Segretarju u s-Sna Galea ftehmu li ser jattendu huma għal laqgħa mar-rappreżentanti ta' l-iskola St Martin's. Is-Segretarju għandha tagħmel appuntament mill-aktar fis.

**4. Korrispondenza**

065 Ma kienx hemm korrespondenza.

**5. 'Leaflet' rigward il-Kumitat il-Ġdid tas-Swatar;**

066 Is-Sur Mangion qal li importanti li r-residenti tas-Swatar jirċievu kommunikazzjoni mingħand il-Kumitat u ssuġġerixxa li ssir 'leaflet' b'informazzjoni fuq il-Kumitat il-ġdid u x-xogħol li huwa ppjanat li jsir.

067 Sar qbil fuq dawn il-punti:

- Id-daqs ikun ta' karta A3 mitwi biex ikun ktejjeb A4
- L-istampar isir bil-kulur
- Il-leaflet issir bil-malti pero' jkun hemm parti bl-Ingliż
- kull membru tal-Kumitat jikteb deskrizzjoni żgħira fuqu u fuq r-responsibbilitajjiet mogħtija lilu. Ikun hemm ritratt ta' kull membru tal-Kumitat.
- Il-Kappillan jingħata sezzjoni biex jagħmel xi avviżi tal-Parroċċa.
- Ikun hemm formola biex ir-residenti jagħtu l-informazzjoni tagħhom (imejl) u anke forsi x-xogħol li jagħmlu ħalli l-Kumitat ikun jaf jekk hemmx xi residenti li jistgħu jgħinu f'xi xogħolijiet biex is-Swatar jimxi l-quddiem.
- L-leaflet ikun imqassam kif ġej:

a. Outer cover: informazzjoni fuq il-laqgħa tal-lokalita', informazzjoni fuq il-Kumitat, informazzjoni ġenerali (eż ġbir ta' skart, bulky refuse);
b. Inner Cover: Informazzjoni fuq il-membri tal-Kumitat
c. Inner Back: Informazzjoni mill-Kappillan, formola (malti)
d. Outer Back: Informazzjoni bl-Ingliż, formola (ingliż)

068 Il-membri tal-kumitat qablu li jiksbu kwotazzjonijiet u li jitkellmu bejniethom fuq l-aħjar waħda li tintgħażel qabel il-laqgħa li jmiss.

069 Il-membri tal-Kumitat iddiskutew fejn ir-residenti jkunu jistgħu jissottomettu l-formoli u ntqal li tista ssir kaxxa fil-playing field, jew fil-Knisja tal-Parroċċa jew fil-Kunsill ta' L-Imsida.

### 6. Proposta ta' Belvedere fi Triq Indri Grima

070 Il-Kumitat iddiskuta suġġeriment ta' resident biex Triq Indri Grima ssir Belveder. Is-Segretarju spjegat li meta kienet saqsiet lid-Dipartiment ta' l-artijiet dwar il-ġonna li hemm faċċata tad-djar f'din it-triq, id-Dipartiment kien informaha li dawn kienu privati. Intqal pero' li jista jkun ma identifikatx fuq il-pjanta l-post eżatt u għalhekk sar qbil li terġa tinkiseb informazzjoni minn dan id-Dipartiment.

071 Il-Kumitat qabel li jistgħu jintużaw fondi tal-UIF tal-MEPA biex isir proġett fiż-żona u sar qbil li jekk il-propjeta' tkun tal-Gvern issir xi tip ta' promendade jew ta' l-inqas issir inizjattiva biex il-ġonna jinżammu aħjar. Jekk id-Dipartiment jikkonferma li l-propjeta' tkun privata tiġi rranġata l-bankina u r-'railing'. Il-Kumitat qabel li jistenna risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

### 7. Laqgħat importanti li għandhom bżonn isiru;

072 Il-Kumitat qabel li għandha ssir laqgħa mal-Kappillan biex il-Kappillan jiltaqa mal-Kumitat il-ġdid u anke ssir follow-up tal-laqgħa li kienet saret mal-Kumitat preċedenti mal-President ta' Malta. F'din il-laqgħa l-President kienet talbet li jitlaqqgħu l-għaqdiet tas-Swatar biex jiġu diskussi l-bżonnijiet ta' din iż-żona.

073 Ġie deċiż li jsiru xi laqgħat mal-Kumpaniji li hemm fis-Swatar u s-Sur Mangion qal li ser jipprova jikkuntatja lil xi ħadd fl-HSBC. Is-Segretarju qalet li ser tipprova issib l-isem tal-persuna li kienu jikkomunikaw miegħu l-Kumitat preċedenti. Sar qbil li ser tinkiseb lista tal-Kumpaniji l-oħra fiż-żona biex tintbagħtilhom imejl uffiċċjali mill-Kumitat qabel issir il-laqgħa.

074 Iċ-Chairperson tkellem fuq il-Kiosk li hemm fi Triq it-Torri u s-Sindku informat lill-membri tal-Kumitat li dan il-Kiosk għandu permess maħruġ ta' fixed kiosk mill-MTA. Iċ-Chairperson talab li forsi l-Kiosk ikun jista jiddawwar biex in-nies li jixtru mingħandu ma jkunu fit-triq.Qal li importanti li tittieħed is-'safety' ta' min qed jixtri. Qal ukoll li jekk jinbidel il-parkeġġ fiż-żona minħabba t-Traffic Management li ser isir tista ukoll tinbidel il-pożizzjoni tiegħu.

075 Laqgħat importanti oħra huma dawk ta' mas-St Martin's Collage (ser jattendu s-Segretarju u Deborah Galea) u laqgħa mas-Segretarju Parliamentari Stefan Buontempo. Is-Sur Owen Attard ser ikompli jagħmel kuntatt ma' l-uffiċċju tas-Segretarju Parliamentari.

### 9. Għeluq u Aġġornament

051 Il-laqgħa ġiet aġġornata ftit qabel is-7.30pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Erbgħa 17 ta' Settembru 2014.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv

Data